MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 37** **16 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 16 t'Awwissu 2022, fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

37.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 36**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 36, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 36 ġew approvati b'mod unanimu.

37.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li nħarġu l-iSkemi għall-Attivitajiet tal-Milied u l-iSkema Ambjentali.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li r-Reġjun Nofsinhar se jkun qed joffri s-somma ta' € 1,500 sabiex tiġi organizzata attivita' fil-lokalita'.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat ukoll li nħarġet l-iSkema Proġetti Kapitali. **Is-Sindku John Schembri** qal li l-Kunsill Lokali jixtieq jagħmel ħafna proġetti, iżda m'għandux spazju biżżejjed fejn isiru proġetti.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li se tinżamm attivita' miż-żgħażagħ taċ-Ċentru, nhar il-Ġimgħa 19 t'Awissu, mit-8.00p.m., 'l quddiem u ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.

**Is-Sindku John Schembri** nfurma li bħalissa qed isiru l-preparamenti għall-attivita' tad-9 ta' Settembru fejn se jkunu qed jitqassmu flyers f'kull residenza, se jsir poster kbir fi Pjazza Sant'Andrija u se jitqassmu wkoll posters fil-ħwienet. Dan minbarra l-promozzjoni kontinwa fuq il-paġna tal-facebook.

37.3 **Ġieħ Ħal Luqa 2022**

37.3.1 Is-Sindku nfurma li bħalma diġa approvat, l-unur Ġieħ Ħal Luqa se jingħata lil Fr Martin Micallef, għall-ħidma tiegħu, mhux biss fil-parroċċa iżda bħala Direttur tad-Dar tal-Providenza. Il-Kunsill se jkun qed jagħti midalja tal-fidda bħala tifkira.

Korrezzjoni (vide pg 4)

* 37.3.2 **Rikonoxximenti**

Il-membri qalbu li għal din is-sena jiġu rikonoxxuti dawn il-persuni li matul is-sena 2021-2022 spikkaw fil-ħiliet tagħhom u għamlu isem lil Ħal Luqa

37.3.3 **Rikonoxximent – Arti u Kultura**

Chanel Briffa
Kiera Farrugia

**Rikonoxximent – Sport**

FRANS ZAmmIT
Yannik Mangion
Maria Galea
Nico Sciberras
Skola tal- Jui-Jitzu

* Servizz fl-għaqdiet
Andrew Aquilina
Clayton Debono

Servizz lill-komunita'
Alex Carachi

37.3.4 Il-Kunsillier Eric Camilleri nfurma li bħala loġisitika tal-attivita' hemm kollox lest. Fil-fatt Triq Sant'Andrija u l-madwar se jingħalqu mill-Ġimgħa 9 ta' Settembru, mit-8a.m. 'l quddiem. Il-palk se jkun qed jintrama ġurnata qabel, iżda mhux se jkun qed itellef it-traffiku.

**37.4 Ħwejjeġ Oħra**

36.4.1 Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li ġie avviċinat minn xi residenti fiz-zona ta' Ħal Farruġ, fejn qed jallegaw li se jsir supermarket kbir u r-residenti ma jriduhx Is-Sindku John Schembri nfurma li s'issa ma tressqet l-ebda applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar, għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jiddiskuti.

36.4.2 Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa jekk li l-letrina ta' Misraħ iż-Żgħażagħ hux qed tingħalaq. Is-Sindku nfurma li l-letrina tingħalaq fit-8.00p.m. Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li kellu lmenti li l-letrina qed tibqa' miftuħa u qed tintuża għal bosta abbużi.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina nfurma li l-letterbox (ħamra) tal-injam fi Triq id-9 t'April għandha bżonn restawr. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dik il-letterbox hija propjeta' ta' GO plc.

Il-Kunsillier Lucia Massa nfurmat li l-ġita għal Sqallija tinsab fully booked.

**37.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Andrew Cassar** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**36.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 23 ta' Settembru fil-5.30p.m.

Konfermati, llum 23/9/2022.

John Schembri
Sindku

Karen Camilleri
Deputat Segretarju Eżekuttiv

* Fuq talba għall-korrezzjoni tal-kunsillier Andrew Cassar, qabel l-approvazzjoni ta' dawn il-minuti, SE jkunu qed jiddaħħlu l-ismijiet tal-persuni kollha msemmija li kienu idoneji li jieħdu rikonoxximent għal ħidma mwettqa minnhom fil-lokalita u fost il-komunita ta' Ħal Luqa

Deputat Segretarju Eżekuttiv.